# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. FRANK G. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta Jannar, 2000**

**Numru : 19**

**Citaz. Numru : 930/96 FGC**

**Victor Vella**

**vs**

**Gabriel Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta l-attur li biha, wara li ppremetta:

illi, fid-29 ta Marzu, 1995, filwaqt illi l-vettura D-9042 tal-marka Anglia misjuqa minn Benigno Vella, kienet qed tinsaq fi Triq Hompesch, Zabbar, giet involuta f'kollizzjoni mal-vettura M-1397 tal-marka Volkswagen (Ambulanza) misjuqa mill-konvenut;

illi din il-kollizjoni grat minhabba traskuragni, negligenza w inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

illi, b'rizultat ta dina l-kollizjoni, l-vettura D-9042 tal-attur Victor Vella garrbet hsarat ammontanti ghal tlett mija u sittin lira Maltin (LM360.00,0);

illi, ghalkemm interpellat, il-konvenut baqa' nadempjenti;

**TALAB** li l-istess konvenut ighid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-kollizjoni msemmija u cioe' dik tad-29 ta Marzu, 1995 fi Triq Hompesch, Zabbar;

2. tikkundannah ihallsu s-somma ta tlett mija u sittin lira Maltin (LM360.00,0) jew somma verjuri, danni nkorsi minnu b'rizultat tal-imsemmija kollizjoni;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta Marzu, 1996 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda ta l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

Illi t-talbiet maghmula fic-citazzjoni numru 930/96 NA huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi Benigno Vella, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta registrazzjoni D-9042 tal-marka Anglia, kien unikament responsabbli ghall-incident de quo billi saq b'mod traskurat u negligenti u b'hekk holoq emergenza subitanea u ghalhekk kkawza l-kollizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta Frar, 1998 li bih innominat lill-Avukat Dottor Marco Griscti bhala espert tat-traffiku sabiex, wara li jambjenta ruhu mal-lokalita’ tal-incident u b’hekk ikun aktar f’qaghda li aktar jistharreg il-kaz, u wara li jiehu konjizzjoni ta l-eccezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-

fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz u okkorrendo jillikwida d-danni;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta Marzu, 1998 li bih ezentat lill-imsemmi Dr. Griscti mill-inkarigu fuq talba tieghu stess;

Rat id-digriet taghha tal-22 ta Gunju, 1998 li bih innominat lill-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala espert tat-traffiku bl-istess inkarigu u fakoltajiet izda b'dan li huwa ghandu jasal ghar-rapport tieghu fuq il-provi gja prodotti u ghandu biss jisma' lil dawk ix-xiehda illi jkun irid minnhom xi spjegazzjonijiet jew skjarimenti dwar il-kaz.

Rat ir-rapport peritali tal-imsemmi Avukat Dottor Mark Chetcuti konfermat bil-gurament fl-udjenza tas-16 ta Dicembru, 1998;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta April, 1999 minn fejn jirrizulta li Dr Demarco rrimetta ruhu ghar-rapport peritali u l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta' li d-difensuri jiskambjaw noti ta l-osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ezaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat :

Li l-kawza odjerna hija dwar kollizjoni li grat fid-29 ta Marzu, 1995, fi Triq Hompesch, Zabbar bejn vettura tal-marka Anglia bin-numru ta registrazzjoni D-9042, proprjeta' ta l-attur izda li meta sehh l-incident kienet misjuqa minn missieru Benigno Vella, u ambulanza bin-numru tar-registrazzjoni M-1397 u misjuqa mill-konvenut.

L-attur, li kien rikeb fil-karozza tieghu, qieghed jaghti t-tort ta l-incident lill-konvenut u dan qieghed jippretendi li l-htija ma

kienetx tieghu izda tas-sewwieq tal-vettura Anglia, cioe' Benigno Vella.

Jinghad li dan l-incident stradali m'hux wiehed ikkomplikat fis-sens li l-ambulanza misjuqa mill-konvenut kienet qeghda tinsaq f'xi emergenza bis-serena taghha on biex kulhadd iwarrbilha biex tghaddi. Xejn minn dan. Din il-vettura kienet qeghda tigbor in-nies mill-inhawi fejn grat il-habta biex tiehodhom l-Isptar.

Jirrizulta li d-dinamika tal-kollizjoni kienet kif ser jinghad : il-karozza ta l-attur kienet qeghda tinsaq mid-direzzjoni ta Haz-Zabbar ghal gewwa Triq Hompesch; mentri l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet gejja minn St. Anthony Street biex tmur fi Triq Hompesch.

L-espert tat-traffiku ddetermina Triq Sant'Antnin, minn fejn kienet gejja l-ambulanza misjuqa mill-konvenut, bhala sekondarja ghal Triq Hompesch minn fejn kienet gejja l-vettura ta l-attur u, inoltre, huwa kkaratterizza din l-istess triq bhala wahda dritta. Fattur iehor ta importanza massima huwa li f'tarf Triq Sant'Antnin hemm 'stop sign' biex jissenjala b'mod car l-attenzjoni u l-prekawzjoni li wiehed irid jadopera waqt li jkun hiereg minn din it-triq ghal go Triq Hompech, kif kien propriju qieghed jaghmel il-konvenut.

Mill-access mizmum mill-espert irrizulta illi jekk wiehed jisporgi kemm kemm mill-Istop sign il-vizwali tal-konvenut lejn il-lemin tieghu (minn fejn kienet gejja l-vettura ta l-attur) hi twila cirka disa' karozzi sal-ponta ta Triq Bajada u twila hafna ghal go l-istess triq li hi wkoll dritta u twila. Jirrizulta wkoll illi s-sewwieq tal-vettura tal-attur kien gej isuq fil-karreggjata ta gewwa ta Triq Hompesch li hi parti wiesgha u tesa' zewg karreggjati. Fin-nofs tat-triq, hemm "central strip".

Ikkunsidrat :

Li din l-Qorti taqbel mal-espert li dan hu kaz fejn is-sewwieq tal-vettura ta l-attur kellu r-"right of way" ghaliex Triq Hompesch hija triq principali u, ghalhekk, il-konvenut li kien qieghed jittransita minn Triq Sant'Antnin, li hija triq sekondarja, kellu jirrispetta dan id-dritt tas-sewwieq l-iehor li kien senjalat lilu bl-Istop sign.

Il-konvenut, ghalhekk, kellu l-obbligu li jieqaf kompletament fejn hemm dan is-sinjal u ma jibdiex hiereg ghal go Hompesch Street qabel ma jassigura ruhhu li ma kienx gej traffiku.

Il-konvenut qieghed jippretendi li ma setax jara l-vettura l-oha ghaliex din giet fuqu f'salt minhabba l-ispeed li bih kienet qeghda tinsaq.

Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni tal-espert li din id-difiza ma taghmilx sens u dan in bazi ghall-istess ragunijiet li gab l-istess espert u cioe' li, fl-ewwel lok, ma giex pruvat l-ebda speed eccessiv u, fit-tieni lok, il-vizwali tal-konvenut ma kienet bl-ebda mod ostruwita, kif gie accertat waqt l-access.

L-espert issottometta li l-konvenut kellu jesporgi kemm kemm mill-Istop sign ghaliex mal-hajt tal-lemin tieghu (mmarkat bl-ittra 'X' fuq l-isketch) jipparkjaw il-karozzi u biex ikollok vizwali kompleta ta min gej mid-direzzjoni ta Triq Bajada trid tesporgi kemm kemm; izda rrizutla li l-konvenut, kif xehed hu stess, kien hareg kompletament u kien wasal biex jaqbez ic-central strip meta grat il-habta.

Dawn il-fatturi, u fatturi ohra li jinsabu ezawrjentement spjegati fir-rapport peritali, wasslu lill-istess espert sabiex jikkonkludi li l-konvenut hareg minn fuq l-Istop sign, angola ruhu biex jaqsam fid-direzzjoni ta Haz-Zabbar pero' sab il-vettura tal-attur li angolat 'l barra biex tevita l-habta u baqghet sejra fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn sabet karozza tal-linja wieqfa ftit metri boghod, kif gie konstatat waqt l-access. L-istess espert, ghalhekk, jikkonkludi li l-incident gara f'salt u juri imprudenza da parti tal-konvenut li bilfors ma harisx sew qabel ma beda

hiereg fi Triq Hompesch ghaliex kieku kien jara l-vettura ta l-attur jew baqa' hiereg minn fuq l-Istop sign minghajr ma waqaf biex jara xi traffiku kien gej.

Din il-Qorti qeghda taqbel mal-konkluzjoni tal-espert li l-konvenut kien kompletament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u taqbel ukoll mal-konsiderazzjonijiet kollha tieghu li wassluh ghal din il-konkluzjoni.

Ikkunsidrat :

Li l-espert illikwida bhala danni sofferti mill-attur in konsegwenza ta dan l-incident is-somma ta tlett mija u sittin lira (LM360.00) u din il-likwidazzjoni wasal ghaliha billi accetta l-istima (Dok. B), prezentata mill-attur, tal-istess danni kagjonati fil-vettura tieghu peress illi ma gietx kontestata mill-konvenut.

Din il-Qorti qeghda wkoll taqbel ma din il-konkluzjoni u, ghalhekk, qeghda tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu mill-konvenut f'din l-istess somma.

Ghald dawn il-motivi :

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja adozzjoni tar-rapport peritali, **tilqa' t-talbiet attrici** u hekk (1) tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni; (2) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta tlett mija u sittin lira (LM360) u (3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta tlett mija u sittin lira (LM360) hekk likwidata in linea ta danni; bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

D/REG